Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/332

25.2.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/332**

**tat-24 ta' Frar 2025**

**li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Golf u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/963**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 flimkien mal-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Mejju 2023, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għar-reġjun tal-Golf.

(2) Fil-15 ta' Mejju 2023 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/963 [1], li ħatret lis-Sur Luigi DI MAIO bħala r-RSUE għar-reġjun tal-Golf. Il-mandat tar-RSUE għandu jiskadi fit-28 ta' Frar 2025.

(3) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż għal perjodu ta' 24 xahar u li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2025 sat-28 ta' Frar 2027.

(4) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif definiti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/963 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Is-Sur Luigi DI MAIO huwa b'dan maħtur bħala Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għar-reġjun tal-Golf mill-1 ta' Ġunju 2023 sat-28 ta' Frar 2025.

Il-mandat tas-Sur Luigi DI MAIO bħala r-RSUE għar-reġjun tal-Golf huwa estiż sat-28 ta' Frar 2027.

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE ('il-mandat') jintemm qabel, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).";

(2) fl-Artikolu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jikkontribwixxu permezz ta' mezzi diplomatiċi għall-preservazzjoni tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti fir-reġjun, kif ukoll għall-mitigazzjoni tal-effetti potenzjali tagħhom, b'mod partikolari billi jindirizzaw theddid komuni bħat-terroriżmu, it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali jew l-insigurtà marittima u tal-enerġija;";

(3) fl-Artikolu 5(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2025 sat-28 ta' Frar 2027 għandu jkun ta' EUR 2 612 386,42.";

(4) fl-Artikolu 13, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapporti ta' progress regolari u rapport komprensiv finali dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sat-30 ta' Novembru 2026.";

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/963 tal-15 ta' Mejju 2023 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Golf (ĠU L 129, 16.5.2023, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/963/oj).

(5) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 13a*

**Aċċess għad-dokumenti, u l-protezzjoni tad-data**

1. Ir-RSUE għandu japplika r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Ir-RGħ għandha tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni għar-RSUE.

2. Ir-RSUE għandu jipproteġi lill-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**). Ir-RGħ għandha tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni għar-RSUE.

---

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

(**) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-24 ta' Frar 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS